QALA

Ref Nru: 8

Il-minuti tat-tmien laqgha tas-sitt leglislatura tal-Kunsill Lokali Qala, li nzammet nhar il-Gimgha 26 t' Ottubru 2012, fis-7:00 ta' fil-ghaxija, fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill.

Prezenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Clint Camilleri |
| Vici Sindku: | Paul Buttigieg |
| Kunsillieri: | Paul Buttigieg<br>Jesmond Borg<br>Victor Grech |
| Segretarja Ezekuttiva: | Marcia Borg |

**1 Talba**

1.1 Il-laqgha nbdiet permezz ta' talba u giet preseduta mis-Sindku.

**2 Approvazzjoni tal-minuti tal-hames, is-sitt u s-seba` laqgha.**

2.1 Peress li l-minuti tal-hames, is-sitt u s-seba` laqgha tqassmu qabel, dawn gie kkonsiderati bhala moqrija u gew approvati unanimament.

**3 *Qala International Folk Festival* 2012.**

3.1 Il-Kunsill iddiskuta li l-attivitajiet li gew organizzati inkonessjoni mal-*Qala International Folk Festival 2012* kienu ta' success. Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li huwa jixtieq jaghmel stqarrija peress li huwa bhala ko-ordinatur tal-QIFF ma giex imsejjah sabiex jattendi ghall-konferenza stampa li saret dwar il-*festival* f'Malta u li ghaliha attenda Kunsillier minfloku. Is-Sindku semma li dak in-nhar barra l-konferenza stampa kien hemm laqgha ohra ta' l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u li huwa wara li kkuntatja lill-Vici Sindku dwar jekk setax jattendi ghalihom u dan ma setax, huwa bghat lill-Kunsiller Jesmond Borg. Saret diskussjoni li hadet fit-tul dwar materji ohra inkonessjoni mal-*festival*. Wara din id-diskussjoni s-Sindku semma li darba ohra mhux ser jerga jigri hekk u li sar mhux apposta u bla ebda fini. Giet trattata ittra li l-Kunsill ircieva minghand l-Arcipriet tal-Qala Fr Joe Zammit dwar talba ghal hlas ta' xi spejjes li saru mill-Parocca inkonnessjoni mal-*festival*. Il-Kunsill iddecida li tinghata s-somma ta' €250 ghal-uzu li ghamel il-Kunsill mic-Centru.

**4 Il-propost progett f'Hondoq ir-Rummien applikazzjonijiet ghal permess ta' zvilupp bin-numri PA 3797/02 u PA 3798/02.**

4.1 Is-Sindku semma li kien hemm smiegh t'appell dwar il-propost progett f'Hondoq ir-Rummien applikazzjonijiet ghal permess ta' zvilupp bin-numri PA 3797/02 u PA 3798/02. Gie diskuss illi l-Kunsill ma rcieva ebda ittra dwar dan u li l-Vici Sindku kien jaf minhabba li fl-ahhar smiegh li huwa attenda habru d-data tas-smiegh li jmiss. Il-Kunsill iddecida li ghandha tintbghat ittra lill-MEPA fejn jigi mitlub sabiex kull meta jkun hemm xi appell fuq dawn l-applikazzjonijiet, l-Kunsill ghandu jigi notifikat. Giet trattata kopja ta' ittra li l-Professur Lino Bianco f'isem il-Kunsill bghat lill-MEPA fid-29 t'Awwissu 2012 kif ukoll kopja ta' ittra li Carmelo Galea and Associates bghat f'isem l-applikant lill-MEPA dwar l-ittra mibghuta mill-Professur Lino Bianco.

**5 Ftehim gdid ghall-gbir ta' skart tal-ippakeggjar mal-Green MT.**

5.1 Is-Sindku semma li huwa u s-Segretarja Ezekuttiva kellhom laqgha ma Joe Attard tal-Green MT dwar ftehim gdid ghall-gbir ta' skart tal-ippakeggjar. Gie trattat kopja tal-kuntratt. Il-Kunsill qabel li ghandu jigi ffirmat. Il-Kunsill iddiskuta li l-iskips li qed jingabu kull nhar ta' Sibt fi Triq ta' Kassja qed ikunu mimlijin bil-kaxxi vojta tal-hwienet avolja nhar ta' Tnejn qed jigu tal-Green MT jigbru dawn il-kaxxi. Il-Kunsill iddecida li ghandha tintbghat ittra lil tal-hwienet fejn jigu nformati sabiex juzaw is-servizz tat-Tnejn.

**6 Il-gazzetta tal-Kunsill.**

6.1 Is-Sindku talab lill-Vici Sindku u lill-Kunsillieri sabiex jippreparaw l-messagg taghhom ghall-gazzetta tal-Kunsill li jmiss.

**7 Korsijiet.**

7.1 Is-Sindku ppropona li ghandhom jigu organizzati korsijiet taz-*zumba* u tal-*first aid*. Il-Vici Sindku Paul Buttigieg ssuggerixxa li ghandu jsir kors dwar il-pjanti minn Dione. Il-Kunsill qabel li ghandhom isiru dawn il-korsijiet.

**8 Materji ohra.**

8.1 Is-Sindku semma li Anthony Cutajar li mieghu l-Kunsill ghandu l-kuntratt tal-knis u li qed jiftah u jnaddaf il-latrini pubblici, ma jridx jibqa jnaddaf il-latrina pubblika ta' 'Gnien il-Familja'. Il-Kunsill iddecida li ghandu jigi mqabbad Joseph Buttigieg li huwa haddiem mal-Kunsill permezz ta' l-iskema Xoghol fil-Komunita` tal-ETC sabiex jibda jnaddaf u jiftah hu din il-latrina pubblika.

8.2 Is-Sindku semma li huwa kellu laqgha mal-Inginier Joe Bajada fejn dan ippropona sabiex tigi rrangata t-triq li taghti ghall-Fortizza ta' Sant Antnin biex tkun bhala wahda mill-*country walks*. Il-Kunsill iddecida li din it-triq ghandha tigi rrangatha izda mhux ghalissa. Is-Sindku semma wkoll li gie kkuntatjat minn ta' Din l-Art Helwa dwar hlas mill-Kunsill ta' €5,000 ghall-aperturi ta' l-injam tal-fortizza. Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li l-ftehim kien li l-Kunsill ihallas €1,200 u l-komplament jithallsu minn Din l-Art Helwa. Infatti l-Kunsill diga` hallas €1,200 li kellu jhallas.

8.3 Is-Sindku semma l-possibilta` li jsiru c-CCTV's fi Triq il-Wileg. Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li fil-hames leglislatura tal-Kunsill saret laqgha mal-MEPA fejn fiha kien gie diskuss is-suggeriment tal-Kunsill sabiex il-fondi li l-applikant qed jghaddi lil-MEPA permezz ta' dik il-kundizzjoni li hemm fil-permess tal-barriera tal-blat tal-qawwi sit f'ta'Klement il-Qala li tghid li l-applikant irid jghaddi s-somma ta' €4,658.75 kull sena ghall-manutenzjoni tat-toroq, jistghux jintuzaw sabiex isiru ic-CCTV's. Il-MEPA kienet qablet ma dan is-suggeriment. Ghalhekk gie deciz li jintalbu l-istimi ghal CCTV's sabiex imbaghad wara niltaqghu mal-MEPA.

8.4 Is-Sindku semma li Julian Calabrese li joqghod Tal-Gawc Crt, Flt 2, Triq il-Mithna, Qala ghamel DVD fuq il-festa ta' Guzepp 2012 u li hu xi €200. Il-Kunsill qabel li jinxtara.

8.5 Is-Sindku semma li l-kumpanija JCR Ltd. qed titlob sabiex il-Kunsill ihallas kont ta' €531.96 ta' materjal li ntuza ghas-sala tal-komunita` li gie ordnat mill-kuntrattur Kevin Abela tal-kuntratt tax-xoghol ghat-tkomplija tas-sala. Il-Kunsillier Paul Buttigieg li kien Sindku dak iz-zmien kif ukoll is-Segretarja Ezekuttiva semmew li huma qatt ma gew kkuntatjati minghand hadd sabiex jinxtara ta' dan il-materjal. Gie diskuss li l-materjal sabiex isiru xogholijiet f'din is-sala kienu inkluzi fil-kuntratt. Ghalhekk il-Kunsill iddecida li dan il-kont m'ghandux jithallas.

8.6 Is-Sindku semma li nhar il-Hadd li gej 28 t'Ottubru 2012, fil-11:30 ta' filghodu, fis-Santwarju tal-Kuncizzjoni ser isir quddiesa ghal ruh missieru Anthony Camilleri li kien kunsillier fil-Kunsill Lokal Qala.

8.7 Il-Vici Sindku semma li kien hemm is-smiegh tal-appell ta' l-applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp bin-numru 7697/06. Giet mibghuta ittra mill-Kunsill b'referenza QLC/MEPA/4/2012 lic-*Chairman* tal-MEPA dwar din l-applikazzjoni u dwar l-applikazzjoni PA 4724/07, zewg applikazzjonijiet sabiex isir zvilupp fil-Wied tal-Marga. Il-Kunsill ddiskuta li meta applikazzjonijiet ghal permess ta' zvilupp ikunu ODZ, il-Kunsill ghandu joggezzjona bhal ma dejjem ghamel u li hija l-*policy* tal-Kunsill.

8.8 Il-Vici Sindku suggerixxa li ghandha tintbghat *reminder* ghal dik l-ittra li kien bghat il-Kunsill minhabba t-trasport tan-nar pirotekniku mill-bajja ta' Hondoq ir-Rummien. Il-Kunsill qabel ma dan. Gie deciz li ghandha jsir laqgha mal-Pulizija kif ukoll ghandu jigi kkuntatja l-Avukat tal-Kunsill dwar din il-materja.

8.9 Il-Vici Sindku semma li qed ikun hemm ilmenti dwar il-*Bus Stop* li hemm fejn Triq San Guzepp tghaqqad ma Triq ir-Rebha u ghalhekk huwa qed jipproponi li ghandha tigi trasferiti

fi Pjazza San Guzepp fejn kienet qabel. Il-Kunsill qabel ma dan u ghalhekk gie deciz li tintbghat ittra lit-Transport Malta dwar din it-talba.

8.10 Il-Vici Sindku semma li ghandha terga tinzebagh is-*stop sign* li hemm fl-art fi Pjazza San Guzepp.

8.11 Il-Vici Sindku ressaq talba ta' Sandro Grima sabiex itella` d-dghajsa tieghu fuq il-*platform* li hemm ma gemb il-*kiosk* li jinsab f' Hondoq ir-Rummien. Gie diskuss li kien hemm talba minn xi haddiehor qabel u li dan ma nghatax permess u ghalhekk gie deciz li jekk ma nghatax permess ghal wiehed lanqas ghandu jinghata permess ghall haddiehor.

8.12 Il-Vici Sindku semma li hawn hafna problema tad-drenagg fil-lokalita` u li hemm *files* miftuhin dwar dawn il-problemi minn naha tad-Dipartiment tad-Drenagg mhux kif qal l-Inginier Charlie Camilleri li m'hemmx.. Wahda mill-problemi huwa tar-*raising main* ta' parti minn Triq il-Kuncizzjoni fejn huwa kien ppropona lil Stefan Riolo li dan ir-*raising main* ghandu jghaddi minn taht il-bankini filwaqt li l-gandott tal-*main* tad-drenagg l-antik ghandu jintuza bhala *water culvert*. Huwa semma li din il-problema u l-problemi l-ohrajn kollha kienu gew diskussi waqt laqgha li l-Kunsill kellu ma ufficjali tad-drenagg. Il-Kunsill iddecida li ghandha tintbghat ittra ohra lill-Iniginer Charlie Camilleri sabiex isir laqgha mieghu dwar dawn il-problemi.

8.13 Il-Kunsillier Jesmond Borg semma fi ma gemb il-*playing field* Magistrat Salvu Attard fejn hemm il-*hooks* fejn iddendlu l-boroz tal-iskart ir-residenti, qed ikun hemm hafna skart fl-art. Gie deciz li ghandhom isiru zewg tabelli biex ma jintremiex zibel.

8.14 Il-Kunsillier Jesmond Borg semma dwar x'ser isir minhabba l-iskrivan Brian Cutajar. Huwa irrakkonta kaz inefficjenti li ghamel l-iskrivan u li huwa kien involut fih. Is-Sindku semma li ghandu jinbeda l-process biex jigi tterminat l-impjieg tieghu.

8.15 Il-Kunsillier Jesmond Borg ippropona li ghandha jsir bozza gdida fi Triq Santa Marija tal-Qala peress li qed ikun hemm hafna dlam. Huwa ressaq ukoll talba ta' Michael Buttigieg sabiex isiru d-*double yellow lines* quddiem id-dar tieghu fi Triq il-Mithna.

8.16 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill b'referenza QLC/TM/2/2012 lir-Ruben Said *Manager* fil-fergha t'Ghawdex tat-Transport Malta, dwar proposti sabiex isiru *double yellow lines* fil-lokalita`.

8.17 Dwar it-talba ta' Dr Raymond C Xerri ghall-ghajnuna finanzjarja ghal-kotba ghat-tfal li huwa qed jaghmel, il-Kunsill iddecida li tinghata l-istess ghajnuna bhal ma l-Kunsill kien ta lil haddiehor.

8.18 Saru xi applikazzjonijiet ghal bozoz tat-triq godda fi Triq Wied Simar, Triq in-Nigret u Triq ta' Kassja. Saret applikazzjoni ohra ghal *shifting* ta' bozza tat-triq fi Triq Wied Simar.

8.19 Is-Segretarja Ezekuttiva qrat l-iskeda tal-hlasijiet bir-referenza SP 04/2012. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni ghall-kontijiet mnizzlin f'din l-iskeda. Ghalhekk din l-iskeda giet approvata unanimament.

## 9 Korrispondenza

9.1 Giet trattati din il-korrispondenza:

9.2 Ittra mibghuta minn Janet Fox dwar esibizzjoni ta' pittura fuq il-lokalita` tal-Qala li ser tinfetah nhar l-10 ta' Novembru 2012 fis-7:30 ta' filghaxija.

9.3 Ittra mibghuta minn Michael Bajada *Senior Pharmacy Technician* fil-Ministeru tas-Sahha, Anzjani u Kura fil-Komunita` dwar l-*influenza vaccines* ghal din is-sena. Is-Sindku semma li nhar il-Hadd li gej ser tinghata din it-tilqima mit-tabib Xuereb Dingli, lil kull min applika sabiex jitlaqqam.

9.4 Ittra mibghuta mid-Direttur Pat Attard fil-Ministeru ghal Ghawdex, dwar informazzjoni fuq ghajnuna li qed tinghata lill-*clubs*/assocjazzjonijiet tal-futbal t'Ghawdex. Il-Kunsill iddecida li ghandha tintbghat risposta dwar l-ghajnuna li nghatat lil Qala Saints Football Club.

9.5 Ittra mibghuta minn Christine Vella *Senior Head Gozo* fl-Awtorita` tat-Turizmu f'Malta fejn saret referenza ghat-talba tal-Kunsill ghall-ghajnuna finanzjarja jew ghajnuna ohra ghall-bajja ta' Hondoq ir-Rummien. Hija nformat lill-Kunsill li huma mhumiex f'posizzjoni sabiex jipprovdu fondi bhalissa.

9.6 Ittra mibghuta minn Josette Camilleri mill-Agenzija Zghazagh dwar il-Kunsill Lokali Zghazagh 2012/2013. Il-Kunsill applika sabiex jiehu sehem f'dan il-progett.

9.7 Ittra mibghuta minn Frederick Azzopardi mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar is-*Sustainable Energy Action Plan.*

9.8 Ittra mibghuta minn Saviour Ellul *Assistant Manager* mit-Transport Malta fejn talbu il-kundizzjonijiet tal-Kunsill ghal-xoghol ta' *resurfacing* ta' parti minn Triq Grunju. Gie diskuss li ser tithalla parti minn Triq Grunju jigifieri mhux ser isir it-triq kollha. Il-Kunsill iddecida li peress li x-xoghol huwa tal-Ministeru ghal Ghawdex ghandhom isiru xi kuntatti mal-Ministeru dwar jekk tistax titkompla t-triq kollha.

9.9 Ittra mibghuta minn Louis Debattista minn *Gozo Greyhounds Youth Athletic Club* dwar attivitajiet ta' l-isports fil-lokalita` ghat-tfal.

9.10 Ittra mibghuta minn Giovann Cefai Segretarju tal-*Gozo Horse Racing Association* dwar *Gozo Local Council Heats.*

QALA

9.11 Notifika t'avviz mibghuta minn Joseph Bezzina *(Enforcement)* ghad-Direttur ta' l-Infurzar ta' l-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, b'referenza ECF 00319/12, fejn b'din l-istess notifika nforma lill-Kunsill li l-Awtorita` harget Avviz ta' Infurzar u kopja ta' dan qed jigi anness ghall-attenzjoni tal-Kunsill.

Il-laqgha ntemmet fid-9:00 ta' filghaxija. Laqgha ohra giet stabbilita ghal nhar is-Sibt 1 ta' Dicembru 2012.

Clint Camilleri
Sindku

Marcia Borg
Segretarja Ezekuttiva